



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2011/2051(INI)**

13.4.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar II-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali".  
(2011/2051(INI))

Rapporteur għal opinjoni: <Depute>Kriton Arsenis

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

Premessa A. Billi 40% tal-gassijiet b'effett ta' serra dinjin joħorġu mis-settur agriku; billi l-agricoltura hija s-sors ewlieni tal-metan u l-ossidu nitruż, u dawn iż-żewġ gassijiet b'effett serra għandhom potenzjal ta' effett serra ħafna akbar mid-diossidu tal-karbonju; u billi t-tibdil fil-klima jaffettwa speċjalment in-nies f'qar f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u jnaqqas l-opportunitajiet tal-biedja;

Premessa B. Billi r-residenti rurali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jirrapreżentaw bejn 70% u 80% ta' dawk neqsin sew mill-ikel; u billi l-eliminazzjoni ta' faqar u għu estremi tiddependi fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-bdiewa u l-ħaddiema agriku fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; A d (ġdida).

Premessa C. Billi r-rapport tar-rapporteur speċjali tan-NUdwar id-dritt għall-ikel "Agroecology and the Right to Food" (L-approċċ ekoloġiku għall-agricoltura u d-dritt għall-ikel) juri li l-approċċ ekoloġiku għall-agricoltura jista' jirdoppja l-produzzjoni tal-ikel f'reġjuni sħaħ fi żmien għaxar snin filwaqt li jnaqqas it-tibdil fil-klima u jtaffi l-faqar rurali; jirrikonoxxi li l-produttività fit-tul u s-sikurezza tal-ikel, b'mod partikolari r-reżiljenza tas-sistemi agriku għat-taqlib fil-klima, jiddependu fuq l-attenzjoni xierqa għar-riżorsi naturali, b'mod partikolari l-ħamrija, l-użu tal-ilma u l-bijodiversità;

1. Jieħu nota tal-progress miksub fir-riforma tal-PAK, li jnaqqas l-impatti negattivi tagħha fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni u lill-FAO jvaraw evalwazzjoni dettaljata tal-PAK u l-impatt li għandha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob li l-PAK il-ġdida tinkludi l-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala objettiv ċentrali, skont l-objettiv tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, kif hemm preskritt fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona, u toħloq mekkaniżmi xierqa li jiżguraw li l-prinċipju jkun sostnut; jinnota l-Artikolu 3 (5) tat-TUE li jistipola li l-UE għandha tikkontribwixxi għal kummerċ ħieles u ġust u għall-eradikazzjoni tal-faqar u jitlob li jkun hemm konsistenza bejn il-PAK u l-politiki tal-UE li jirrigwardaw il-kummerċ u l-iżvilupp;

2. Jistieden lill-UE tiżgura li jkun hemm konsistenza bejn il-PAK u l-politiki tagħha tal-iżvilupp u tal-kummerċ; b'mod partikolari jenfasizza l-bżonn għall-klawżoli ta' salvagwardja fil-ftehimiet kummerċjali u d-dritt għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jiproteġu s-swieq agriku tagħhom;

3. Ifakkar fl-impenn tal-UE, u tal-partijiet terzi membri tal-OECD - fil-qafas tan-negożjati tar-Rawnd ta' Doha li jeliminaw kull sussidju għall-esportazzjoni; u li jiddiżakkoppjaw il-ħlasijiet diretti mill-produzzjoni ħalli tinħoloq sitwazzjoni b'kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd bejn l-UE u l-prodotti agriku tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jstimulaw il-kummerċ ġust u t-tkabbir sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta dawn l-isfidi, filwaqt li tiffinanzja skemi transizzjonali adegwati, bil-għan li jiġu evitati impatti negattivi fiż-żoni rurali Ewropej, u tippromwovi prattiki ta' biedja organika u sostenibbli, li jkollhom livell

baxx ta' addittivi kimiċi (livell baxx ta' mezzi ta' produzzjoni esterni) u li l-prattiki ta' kultivazzjoni tagħhom iqisu l-kundizzjonijiet naturali lokali; jistieden lill-UE tappoġġa t-talbiet tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u tiproteġi l-popolazzjoni tagħhom mill-effetti potenzjalment distruttivi tal-importazzjonijiet irħas; jitlob ukoll li jsiru investimenti fir-riċerka għall-metodi tal-biedja agroekoloġiċi u għall-provvediment ta' servizzi pubbliċi ħalli l-bdiewa ż-żgħar ikunu jistgħu jaqilbu għal produzzjoni organika sostenibbli,

4. jenfasizza li hemm bżonn aktar koerenza bejn il-PAK, il-politika tal-kummerċ u dik tal-iżvilupp, bil-għan li tiżgura l-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jirrimarka barra minn hekk li l-UE jeħtiġilha tikkoordina b'mod aktar effikaċi mal-organizzazzjonijiet mhux statali, inkluża l-FAO, man-Nazzjonijiet Uniti u ma' korpi internazzjonali oħra;

5. Iqis li l-PAK twettaq rwol importanti fir-rigward tal-politika tal-iżvilupp, b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel; jinnota li l-PAK għandha kontribut x'tagħti biex iż-żieda fid-domanda dinjija għall-ikel tiġi ssodisfata;

6. Jinnota li fatturi bħalma huma l-faqar, is-saħħa, l-istabilità politika, l-infrastruttura u d-diżastri naturali jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

7. Jinnota li l-ikel mhuwiex biss merkanzija, u li l-aċċess għall-ikel huwa fundamentali għall-eżistenza tal-bniedem; jistieden lill-UE tuża l-politiki kummerċjali u ta' żvilupp tagħha biex tippromwovi Prattiki tal- biedja sostenibbli u s-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti u fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fil-kuntest tal-fatt li d-domanda u l-prezzijiet tal-ikel qegħdin jizjeddu;

8. Jinnota li l-ikel mhuwiex sempliċement merkanzija u li l-aċċess għall-ikel hu dritt universali tal-bniedem; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li sabiex tiggarrantixxi s-sigurtà dinjija tal-ikel, l-Ewropa għandha, pjuttost milli żżid l-esportazzjonijiet agrikoli tagħha lejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw billi tippermettilhom li jżidu u jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom stess sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-ikel tagħhom u sabiex tiġi ssodisfata d-domanda tas-swieq lokali tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, biex il-ftehimiet ekonomiċi, ta' kummerċ ħieles, u ta' investiment konklużi mill-UE ma' pajjiżi terzi tgħaddihom minn valutazzjoni tal-impatt f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem, biex ma jiġrix li jkun hemm kontradizzjoni bejn l-valuri li l-Unjoni tiddefendi u l-politika barranija tagħha;

9. Jinnota bi tħassib li d-dipendenza tal-UE fuq l-għalf importat, b'mod partikolari s-sojja, ikkontribwixxiet għad-domanda li dejjem qed tizjed għall-art f'pajjiżi barranin, li wassal għad-deforestazzjoni, għall-ispustament ta' komunitajiet u għal espansjoni tas-sojja ġenetikament modifikata fl-Amerika t'Isfel; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel it-tnaqqis tad-dipendenza mill-għalf importat, jiġifieri permezz tal-iżvilupp u l-espansjoni fl-UE tal-kultivazzjoni sostenibbli ta' għelejjel li fihom il-proteini, bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha;

10. Hu tal-fehma li fil-kuntest tal-azzjoni biex tiġi ffaċjata l-ispekulazzjoni internazzjonali fil-prezzijiet tal-merkanzija agrikola, il-PAK il-ġdida għandha tistabbilixxi mekkaniżmi u regoli adegwati fil-qasam tad-derivattivi tal-merkanzija agrikola u ssaħħaħ it-trasparenza; jemmen li l-UE għandha tagħti eżempju billi fi ħdan it-territorju tagħha tistabbilixxi swieq lokali tal-

irkant ta' prodotti agrikoli u sistemi ta' distribuzzjoni lokali, li jkabbru s-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa b'azjendi żgħar fil-katina ta' provvista tal-ikel;

11. Jirrikonoxxi l-bżonn urġenti li tiġi żgurata s-sigurtà dinjija tal-ikel billi jiżdied l-investiment fl-agrikoltura fir-reġjuni fid-dinja fejn ma hemmx sigurtà tal-ikel; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp agrikolu għandu jkun ibbażat fuq id-dritt għall-ikel u d-dritt li l-bniedem jipproduċi l-ikel u li l-UE għandha tirrikonoxxi u tiddefendi n-neċessità li l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jilħqu stat ta' sigurtà tal-ikel;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni tal-impatt dettaljat dwar in-negozjati kummerċjali kollha li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur, li ma għandux jaffetta b'mod ħażin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u jxekkel l-effikaċja tal-PAK lejn 2020.

13. Jirrikonoxxi li r-riformi tal-PAK naqqsu b'mod sinifikanti l-impatt tal-produzzjoni agrikola tal-UE fuq il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw billi ġew eliminati kważi għalkollox ir-rifużjonijiet tal-esportazzjoni; jitlob li l-UE tirrikonoxxi kemm hu importanti li jiġu appoġġati s-setturi agrikoli tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, jiġifieri billi jiġi żgurat li l-agrikoltura tingħata prijorità fil-pajjiż li qegħdin jiżviluppaw u fil-baġit ta' għajnuna estera tal-UE għall-iżvilupp;

14. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tiżgura l-konsistenza bejn il-PAK u l-politiki tagħha dwar l-iżvilupp u l-kummerċ, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet u t-tħassib tal-bdiewa fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.4.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 22 -: 0 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Thijs Berman, Corina Crețu, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, András Gyürk, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Birgit Schieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Eleni Theocharous, Ivo Vajgl, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Cristian Dan Preda, Judith Sargentini, Bart Staes, Patrizia Toia
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	James Nicholson, Edward Scicluna, Catherine Trautmann